**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2024**

**Talba Nru: 362/2023MD**

**Zarb Coaches Limited (C-28927)**

**Vs**

**Sunilkumar Sukamaran (0354921(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fis-27 ta' Settembru, 2023[1] permezz ta' liema is-soċjeta' attriċi talbet sabiex l-konvenut jiġi dikjarat debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' elf, seba' mija u sitta u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżimu (€1,756.89) u jikkundanna u jordna lill-konvenut sabiex iħallas l-istess somma u/jew somma verjuri fi żmien qasir u perentorju prefiss mit-Tribunal; bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Ra li l-konvenut għalkemm notifikat ma ppreżentax risposta entro t-terminu impost mil-Liġi u lanqas ma deher għas-seduti tal-14 ta' Marzu, 2024[2] u lanqas għas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2024[3]

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra l-affidavit prodott.

Ra d-dokumenti ppreżentati.

---

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess;
[2] *A fol* 16 tal-proċess;
[3] *A fol* 32 tal-proċess;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Fatti fil-Qosor

Is-soċjeta' attrici qed titlob sabiex l-konvenut jiġi dikjarat debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' elf, seba' mija u sitta u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżimu (€1,756.89) u jikkundanna u jordna lill-konvenut sabiex iħallas l-istess somma u/jew somma verjuri fi żmien qasir u perentorju prefiss mit-Tribunal.

## Provi prodotti

Ra l-affidvit ta' **Emanuel Zarb**[4] fil-kariga ta' wieħed mid-Diretturi tas-soċjeta' attriċi fejn ddikjara li l-konvenut kien impjegat bħala xufier fuq bażi *full-time* mas-soċjeta' attriċi fis-6 ta' Settembru, 2022. Stante li l-konvenut huwa *third country national* u kien għadu jgħix barra minn Malta meta kellem lil kumpanija sabiex jibda jaħdem magħhom, u kien għadu jrid japplika għas-*single residence permit*, li kienet tinkludi liċenzja tal-impjieg sabiex jibda jaħdem Malta, u ma kellux flus, sar ftehim bejn il-partijiet sabiex is-soċjeta' attriċi tħallas l-ispejjeż assoċjati mal-applikazzjonijiet u d-dokumenti u dak kollu anċillari u l-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha lura lis-soċjeta' attriċi, u dan meta l-konvenut jibda jaqla' paga. Is-soċjeta' attriċi ħallset:

- €280.50 għas-*single permit application*[5];
- L-*insurance Health Policy* għal-perjodu minn 25/07/2022 sa 24/07/2023 fis-somma ta' €123[6], u €75 lil Davinci Hospital għal *Chest X-Ray* u sabiex jintlew l-formoli[7], liema spejjeż huma relatati mas-Single Work Permit[8] u għalhekk kellhom jitħallsu qabel ma kien hemm l-ingaġġ tal-konvenut mas-soċjeta' attriċi;
- Wara li l-konvenut ġie ingaġġat mal-kumpanija, saru l-ħlasijiet ta' *The Driving Theory Test*[9] fis-somma ta' €60.50;
- €25 għal *The Show and Tell test* fl-ammont ta' €23.25, iżda sfortunatament ma setgħax isib l-irċevuta';
- €140 għas-*CPC course*, li wara li lesta l-*course,* iċ-ċertifikat kien maħruġ f'isem il-konvenut[10]. Għalkemm is-soċjeta attriċi m'għandhiex ir-riċevuta fil-pussess tagħha kkonferma li ħlas sar mill-kumpanija;
- €20 rappreżentanti kreditu tal-*mobile* bin-numru 79360013 appartanenti lil konvenut rreġistrat mal-GO mobile li jifforma parti mil-kont numru 81680136[11]. L-ammont globali rreġistrat fuq dan il-*mobile number* huwa fl-ammont ta' €35.40. Is-soċjeta'

---

[4] *A fol* 18 *et seq* tal-proċess;
[5] *A fol* 21 et seq tal-proċess;
[6] *A fol* 23 tal-proċess;
[7] *A fol* 24 tal-proċess;
[8] A fol 25 ta-proċess;
[9] *A fol* 26 tal-proċess;
[10] A fol 27 tal-proċess;
[11] *A fol* 28 tal-proċess;

attriċi kellha ftehim mal-impjegati tagħha li hi tħallas l-ammont ta’ €15.40 fuq kull kont u l-impjegat iħallas il-kumplament u ċioe €20. F’dan ilk-aż is-soċjeta’ attriċi ħallset l-ammont globali ta’ €35.40 bil-kundizzjoni li l-konvenut iħallas lura l-€20 lis-soċjeta’ attriċi;

- €46.59 rappreżentanti kontravvenzjoni bin-numru 613-13460-4[12].

Kompla jispjega li għalhekk is-soċjeta’ attriċi hija dovuta s-somma ta’ €2,756.89 mil-konvenut, minn liema somma l-konvenut ħallas €1000 u għalhekk għad għandu jħallas is-somma ta’ €1,756.89[13]. Il-konvenut irreżenja mix-xogħol mingħajr raġuni valida fil-liġi fil-11 ta’ Diċembru, 2022 u għad fadallu jħallas dan il-bilanċ. Is-soċjeta’ attriċi interpellatu diversi drabi sabiex iħallas dan l-ammont iżda baqa’ ma ħallas xejn, u għalhekk fetħet il-kawża odjerna. Is-soċjeta’ attriċi qed tirriseva wkoll kull dritt li għandha mil-Liġi tax-Xogħol u li joħroġ mill-kuntratt tax-xogħol.

**Konsiderazzjonijiet**

Mill-provi imressqa jirriżulta illi l-konvenut kien kien impjegat mas-soċjeta’ attriċi fejn kien hemm ftehim li s-soċjeta’ attriċi tħallas għal diversi affarijiet sabiex il-konvenut ikun jista jibda l-impjieg mal-istess soċjeta’ u li wara li jirċievi l-paga jibda jħallas dawn il-pendenzi lura. Mill-affidavit ta’ Emanuel Zarb jirriżulta illi l-konvenut ħallas ammont minn ammont ikbar minn dak pretiż fil-kawża odjerna.

Għalhekk it-Tribunal jilqa’ t-talbiet hekk kif dedotti mis-soċjeta’ attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta’ u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa’ t-talbiet attrici billi jiddikjara lil konvenut debitur tas-soċjeta’ attriċi fl-ammont ta’ elf, seba’ mija u sitta u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżimu (€1,756.89) u jikkundanna u jordna lill-konvenut sabiex iħallas l-istess somma lis-soċjeta attriċi, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[12] *A fol* 30 tal-proċess;
[13] *A fol* 31 tal-proċess;